**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Alicja Sosnowska

*Konvenut:* Dyrektor Izby Skarbowej we Wrocławiu Ośrodek Zamiejscowy w Wałbrzychu

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu — Interpretazzjoni tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5 KE, u ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/227/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni talleġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-bejgħ (ĠU 71, p. 1301), kif ukoll ta' l-Artikoli 18(4) u 27(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1) — Leġislazzjoni nazzjonali fir-rigward ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ li tipprovdi, f'dak li jirrigwarda ż-żmien li fih trid issir restituzzjoni ta' l-eċċess, modalitajiet inqas favorevoli għall-persuni taxxabbli li jkunu bdew iwettqu tranżazzjonijiet taxxabbli u jkunu reġistrati bħala persuni taxxabbli li jwettqu provvisti intrakomunitarji — Prinċipji tan-newtralità fiskali u ta' proporzjonalità

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 18(4) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2005/92/KE, tat-12 ta' Diċembru 2005, u l-prinċipju ta' proporzjonalità jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali li, bil-għan li tippermetti l-kontrolli neċessarji sabiex jiġu pprevenuti l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, testendi l-perijodu li l-amministrazzjoni fiskali għandha sabiex tirrifondi t-taxxa eċċessiva fuq il-valur miżjud, lil kategorija ta' persuna taxxabbli, minn 60 għal 180 jum, b'effett mid-data li fiha titressaq id-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud mill-persuna taxxabbli, sakemm din ma tkunx iddepożitat depożitu ta' sigurtà ta' PLN 250 000.*

2) *Dispożizzjonijiet bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jikkostitwixxux "miżuri speċjali għal deroga" intiżi sabiex ikunu pprevenuti ċerti tipi ta' evażjoni u ta' evitar ta' taxxa skond l-Artikolu 27(1) tas-Sitt Direttiva 77/388, kif emendata mid-Direttiva 2005/92.*

---

([1]) ĠU C 69, 24.3.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Awwissu 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour d'appel de Montpellier) — Proċeduri kriminali kontra Ignacio Pedro Santesteban Goicoechea**

**(Kawża C-296/08 PPU)** ([1])

***(Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni Qafas 2002/584/JHA — Artikoli 31 u 32 — Mandat ta' arrest Ewropew u proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri — Possibbiltà, għall-Istat Membru li jeżegwixxi talba għal estradizzjoni, li japplika konvenzjoni adottata qabel l-1 ta' Jannar 2004, imma applikabbli, f'dan l-Istat, minn data posterjuri)***

(2008/C 260/05)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel de Montpellier

**Parti fil-proċedura kriminali prinċipali**

Ignacio Pedro Santesteban Goicoechea.

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Cour d'appel de Montpellier (Franza) — Interpretazzjoni ta' l-Artikoli 31 u 32 tad-deċiżjoni kwadru [qafas] tal-Kunsill 2002/584/JAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, p. 1) — Fakultà għal Stat Membru, li juża fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stat Membru ieħor, proċeduri differenti minn dawk previsti mid-deċiżjoni qafas u, b'mod partikolari, dawk previsti mill-Konvenzjoni ta' Dublin, tas-27 ta' Settembru 1996, dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea — Effett tan-nuqqas ta' l-Istat li ħareġ il-mandat ta' arrest li jinnotifika ftehim u arranġamenti eżistenti li jixtieq ikompli japplika — Possibbiltà, għall-Istat li jeżegwixxi l-mandat ta' arrest, li japplika konvenzjoni adottata qabel l-1 ta' Jannar 2004, iżda li daħlet fis-seħħ, f'dan l-Istat, wara din id-data

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 31 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi biss l-ipoteżi li biha s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew hija applikabbli, li ma huwiex il-każ meta talba għal estradizzjoni tkun dwar fatti li jkunu seħħu qabel id-data indikata minn Stat Membru f'dikjarazzjoni magħmula skond l-Artikolu 32 tad-Deċiżjoni Qafas.*

2) *L-Artikolu 32 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-applikazzjoni, minn Stat Membru ta' eżekuzzjoni tal-mandat, tal-Konvenzjoni dwar l-estradizzjoni bejn Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita bl-att tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 1996 u ffirmata fl-istess ġurnata mill-Istati Membri kollha, anki meta din tkun saret applikabbli f'dak l-Istat biss wara l-1 ta' Jannar 2004.*

(1) ĠU C 223, 30.8.2008.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2008 mil-Landtag Schleswig-Holstein mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) mogħti fit-3 ta' April 2008 fil-Kawża T-236/06, Landtag Schleswig-Holstein vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Kawża C-281/08 P)**

(2008/C 260/06)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* Landtag Schleswig-Holstein (rappreżentanti: S. Laskowski, għalliem privat, u J. Caspar, professur)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet ta' l-appellant**

— L-appellant jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' April 2008;

— tilqa' t-talbiet magħmula mill-appellant fl-ewwel istanza u tiddikjara ammissibbli u fondat ir-rikors fil-kawża T-236/06;

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, sabiex din tiddikjara bħala ammissibbli r-rikors oriġinali u tkompli l-proċediment;

— tiddeċiedi fuq l-ispejjeż u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha ta' dan il-proċediment.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat bħala inammissibbli r-rikors għal annullament propost mir-rikorrent kontra l-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea, minħabba li r-rikorrent ma kienx persuna legali skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230, KE. Ir-rikors għal annullament kien kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Marzu u tat-23 ta' Ġunju 2006, li ċaħdu lir-rikorrent l-aċċess għad-dokument SEC(2005) 420, li jinkludi evalwazzjoni ġuridika ta' l-abbozz ta' deċiżjoni qafas diskuss fil-Kunsill, dwar id-data maħżuna għall-finijiet tal-prevenzjoni, ta' l-investigazzjoni, tas-sejbien, tal-prosekuzzjoni ta' delitti u ta' ksur kriminali, inkluż it-terroriżmu.

L-appellant jibbaża l-appell tiegħu mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza fuq żewġ aggravji.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' dritt għal smigħ xieraq. Dan il-prinċipju, bħala espressjoni tal-garanzija ta' proċess ekwu u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għandu l-għan, fost l-oħrajn, li jimpedixxi li d-deċiżjoni ġudizzjarja tiġi influwenzata minn argument li l-partijiet ma setgħux jiddiskutu bejniethom. Dan il-prinċipju għalhekk huwa intiż sabiex jevita "deċiżjoni b'sorpriża". Sabiex tiġi evitata deċiżjoni b'sorpriża, il-Qorti tal-Prim'Istanza messha tat lir-rikorrent l-opportunità li jagħmel kjarifika.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret id-dritt Komunitarju, billi interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "persuna legali" skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE u billi ċaħdet b'mod illeġittimu l-kwalità ta' persuna legali tar-rikorrenti, kif ukoll, konsegwentement, il-*locus standi in judicio*.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq il-premessa li l-President tal-Landtag Schleswig-Holstein, bis-setgħa tiegħu ta' rappreżentanza fi proċedimenti legali, ma jirrapreżentax lir-rikorrent, iżda "direttament lil Land", u għalhekk ir-rikorrent m'għandux kapaċità legali u konsegwentement lanqas il-*locus standi in judicio* quddiem il-qrati Komunitarji. Minn dan jirriżulta li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet tiddikjara r-rikors ammissibbli li kieku r-rikors oriġinali stess kien fih il-kliem "*Land* Schleswig-Holstein" minflok dak li bih ġie indikat ir-rikorrent. Tali orjentament mhux biss huwa ġudizzjarjament żbaljat, in kwantu jmur kontra l-Kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein, iżda mill-perspettiva tar-rikorrent jikkostitwixxi wkoll deċiżjoni b'sorpriża, li huwa ma kienx marbut li jistenna. Id-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza huwa illeġittimu fl-ewwel lok peress li ma rrikonoxxiex li l-Landtag, skond il-Kostituzzjoni tal-Land Schleswig-Holstein, huwa "il-korp suprem tal-formazzjoni tar-rieda politika eletta mill-poplu", u fit-tieni lok, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma rrikonoxxietx li l-President tal-Landtag jirrappreżenta l-Landtag kollu kemm hu fil-kamp tal-kawżi ta' dritt Kostituzzjonali li jirrigwardawh. Il-kunċett ta' "Land" huwa użat fis-sens wiesa' legalment u — skond il-kuntest ġuridiku — jista' jirreferi kemm għall-gvern tal-Land, kif ukoll għall-Parlament tiegħu.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Mons (Il-Belġju) fl-14 ta' Lulju 2008 — Société de Gestion Industrielle (SGI) vs L-Istat tal-Belġju**

**(Kawża C-311/08)**

(2008/C 260/07)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance de Mons